MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Rikors Numru. 955/2013

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 2987/13 datata 1 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet:

Dylan **AZZOPARDI**

vs

Peter **ŻAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ir-rikorrent Peter Żammit talab li din il-Qorti żżomm l-eżekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra uffiċjali maħruġa kontrih mill-intimat eżekutant Dylan Azzopardi fl-1 ta' Ottubru, 2013;

Rat ir-Risposta mressqa mill-intimat eżekutant Dylan Azzopardi fit-8 ta' Novembru, 2013, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, saħaq li l-Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba tar-rikorrent eżekutat;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Marzu, 2014, li bih ħalliet ir-rikors għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' kambjala għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent eżekutat Żammit jgħid li hemm raġunijiet tajba fil-liġi għaliex l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjala jmissha titwaqqaf. Hu jgħid li l-kambjala nħarġet b'tehdid, ma tirrappreżentax l-ammont li hu għandu jagħti lill-eżekutant, u li l-import tal-istess kambjala jiġbor fih imgħaxijiet lil hinn minn dawk li tippermetti l-liġi għaliex huma mgħaxijiet użurarji;

Illi l-eżekutant Azzopardi jiċħad dawn ix-xiljiet kollha tal-eżekutat. Fost l-oħrajn, hu jisħaq li l-import tal-kambjala huwa tabilħaqq il-kreditu dovut lilu mingħand l-eżekutat li naqas li jħallas imqar parti minn dak li għandu jagħti u li kien saħansitra offra *cheque* li baqa' ma kienx onorat meta mgħoddi biex jissarraf;

Illi <u>mill-provi li tressqu mill-partijiet</u> joħroġ li fil-31 ta' Awwissu, 2013[1], inħarġet kambjala għall-ordni ta' l-intimat eżekutant Azzopardi (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutant") fl-import ta' sittin elf euro (€ 60,000). L-imsemmija kambjala kienet aċċettata mir-rikorrent Żammit (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutat"). Il-kambjala kienet iffirmata fl-uffiċju legali tal-avukat tal-eżekutant dak inhar li kienet saret ukoll kitba. Sa mill-ewwel xhur tal-2013[2], l-eżekutat kien beda jissellef flus mingħand l-eżekutant minħabba sitwazzjoni finanzjarja mwiegħra li kien jinsab fiha[3]. L-eżekutat jgħid li mingħand l-eżekutant huwa ssellef madwar sitta u ħamsin elf euro (€ 56,000) f'okkażjonijiet differenti fuq medda ta' xi erba' (4) jew ħames (5) xhur[4]. Is-self sar fi flus kontanti u ma kienx issemma żmien f'kemm kellhom jintraddu lura: kienet saret karta biex tgħid biss kemm kellu jitħallas imgħax kull xahar sa ma tinqata' s-somma mislufa;

[1] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[2] Ara Dok "DA1", f'paġ. 43 tal-proċess
[3] Xhieda ta' Dr. Kenneth Grima 26.11.2013, f'paġ. 15 tal-proċess
[4] Xhieda tiegħu 26.11.2013, f'paġ, 19 tal-proċess

Illi f'xi żmien wara li l-eżekutat beda jissellef mingħand l-eżekutant, xtara karozza iżda qabel ma laħaq ħallasha, l-eżekutant beda jisħaq miegħu li jgħaddihielu bħala rahan. L-eżekutat għaddhielu l-karozza. Fl-istess żmien, l-eżekutat sab ma' wiċċu problemi finanzjarji minħabba li debituri tan-negozju tiegħu ma kinux qegħdin iħallsuh. Semma wkoll li għandu problema ta' konsum ta' alkoħol u droga[5];

Illi l-eżekutat jgħid li lill-eżekutant tah ħlasijiet li jitilgħu għal għoxrin elf euro (€ 20,000) fi flus kontanti konsistenti fi ħlasijiet ta' madwar erbat elef euro (€ 4,000) kull tmiem ix-xahar. Jgħid li ma ngħatax riċevuti għall-ħlas li għamel;

Illi l-eżekutat ħareġ ukoll ċekk għall-import ta' ħdax-il elf u erba' mitt euro (€ 11,400)[6] datat it-13 ta' Lulju, 2013, li għaddih lill-eżekutant iżda li talbu biex ma jsarrfux sa ma jgħidlu li kien hemm fondi fil-bank biex jagħmlu tajjeb għall-istess ċekk[7];

Illi fl-10 ta' Settembru, 2013[8], l-avukat tal-eżekutat ressaq kwerela mal-Pulizija biex jitlobha tieħu passi kontra l-eżekutant;

Illi fl-1 ta' Ottubru, 2013[9], l-eżekutant bagħat ittra uffiċjali lill-eżekutat biex jitolbu jħallas l-import tal-kambjala. Din l-ittra saret għall-finijiet tal-artikolu 265(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bi twissija lill-intimati eżekutati għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-istess Kodiċi. Mal-ittra uffiċjali kien hemm mehmuża fotokopja tal-kambjala. L-eżekutat fetaħ din il-kawża fl-4 ta' Ottubru, 2013;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u> jingħad li l-liġi tipprovdi li kambjala jew *promissory note*

---

[5] *Ibid.* f'paġ. 22 tal-proċess
[6] Dok "DA2", f'paġ, 44 tal-proċess
[7] Xhieda tal-eżekutant 28.1.2014, f'paġ. 48 tal-proċess
[8] Dok "DZA", f'paġġ. 58 – 60 tal-proċess
[9] Dok "A", f'paġ, 3 tal-proċess

maħruġin skond il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli esekuttivi, hekk kif tintbagħat lill-aċċettant ittra uffiċjali wara li tagħlaq id-data tal-ħlas tagħha u ma tkunx għadha tħallset. Il-liġi trid li l-ittra uffiċjali mibgħuta lid-debitur aċċettant tavżah, taħt piena ta' nullita', bil-jedd tiegħu li jopponi dik it-talba għall-ħlas fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu tal-istess ittra billi jressaq rikors li biha jopponi l-esekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħal dik[10]. Il-liġi ssemmi wkoll għal liema raġunijiet persuna intimata tista' tressaq talba ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjala jew il-*promissory note*, għal kollox jew f'biċċa minnha;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-eżekutat inqeda bl-imsemmi rimedju u qiegħed jitlob li din il-Qorti tordna li titwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjala minnu aċċettata;

Illi fil-każ tal-lum l-eżekutat ressaq tliet **raġunijiet għaliex qiegħed jitlob li titwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjala** li huwa jgħid li huma "gravi u validi" biex isaħħu t-talba tiegħu. Huwa jsemmi li l-kambjala ma turix l-ammont li l-eżekutat issellef tassew mingħand l-eżekutant, u dan billi tiġma' fiha imgħaxijiet użurarji, u wkoll li l-eżekutant qiegħed jitlob l-eżekuzzjoni tal-ammont kollu tal-kambjala minkejja li l-eżekutat ħallas ammonti sostanzjali mid-dejn tiegħu lejh;

Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura li ddaħħlet fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew *promissory note* maħruġa skond il-Kodiċi tal-kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekutivita' tagħha jew il-ħlas mitlub. Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekutivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekutivita' tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita' tagħhom, fejn dan jitħalla jsir;

[10] *Proviso* tal-art. 253(e) tal-Kap 12

Illi r-raġunijiet li l-liġi ssemmi biex tinżamm l-eżegwibilita' ta' kambjala jew *promissory note* huma li (a) l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha u (b) "raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas" tagħha. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-*promissory note* li tkun;

Illi, f'dan il-każ, ladarba l-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata, il-Qorti ma tistax twarrabha għal kollox mill-qafas li fih inħarġet u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi[11]. Fil-każ tal-lum, jidher aċċettat li l-kambjala nħarġet wara li l-eżekutat issellef flus mingħand l-eżekutant u ma wasalx għaliex sensiela ta' ċirkostanzi fin-negozju wasslu għal qagħda finanzjarja mwiegħra;

Illi, kif ingħad, l-eżekutat isejjes il-każ tiegħu fuq tliet ċirkostanzi. L-ewwel ċirkostanza – li tiġbor magħha t-tieni waħda wkoll – trid li l-import tal-kambjala ma jurix l-ammont li tabilħaqq issellef l-eżekutat mingħand l-eżekutant, u għalhekk (u din hija t-tieni ċirkostanza) l-import jgħodd fih imgħaxijiet li kienu ogħla minn dawk li l-liġi tippermetti. Mill-fatti li joħorġu mill-atti ta' din il-proċedura jirriżulta li l-eżekutat jaqbel li mingħand l-eżekutant issellef is-somma ta' qrib is-sitta u ħamsin elf euro (€ 56,000) fuq medda ta' ftit xhur matul l-2013. Għall-ħlas lura tal-istess

[11] P.A. TM **16.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Ġiordmanina et vs Joseph Paċe et***

somom misselfa ma kien miftiehem l-ebda data jew żmien:  kien hemm arranġament biss dwar ħlasijiet ta' mgħax kull xahar;

Illi l-Qorti tagħraf li x-xilja ta' self b'użura hija raġuni serja u gravi biex tattakka s-siwi ta' kull negozju, ladarba l-użura tikkwalifika bħala egħmil li jmur kontra l-ordni pubbliku.  Imma, sewwasew minħabba s-serjeta' ta' allegazzjoni bħal din, il-Qorti trid tintwera xi sura ta' prova tanġibbli li tixhed ħaġa bħal din.  Ma tistax tibqa' allegazzjoni tperper fl-arja.  Issa, l-eżekutant ma kienx f'qagħda li jgħid sewwa kemm kien issellef mingħand l-eżekutant.  Kien biss l-eżekutant li ressaq dokument li juri l-ewwel self li sar fi Frar tal-2013.  Huwa jgħid li meta, f'Awwissu tal-istess sena, saret il-kambjala, l-import tagħha kien jirrappreżenta dak li l-eżekutat kien għad fadallu jħallsu.  L-eżekutant ma jgħidx li dak l-import huwa l-ammont li sellef lill-eżekutat.  Dan jista' jitfisser fil-fatt li hija prattika aċċettata li l-import ta' kambjala, ladarba d-data tal-egħluq tagħha tkun wara d-data tal-ħruġ tagħha, tkun tgħodd fiha xi mgħax fuq il-kapital.  L-eżekutat ittanta jressaq bi prova tal-allegazzjoni tiegħu tal-eżistenza tal-użura l-fatt li l-eżekutant jiġi minn familja li "hija magħrufa" għal dawn l-għamliet ta' negozju.  Il-Qorti ma tqisx li din waħedha hija tabilħaqq prova tajba.  L-eżekutat ukoll ressaq kwerela mal-Pulizija b'din l-allegazzjoni, iżda mix-xhieda mismugħa[12], ma kien ittieħed l-ebda proċediment kontra l-eżekutant min-naħa tagħha wara li kienet bagħtet għalih u intervistatu fuq dak allegat fl-istess kwerela;

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-kambjala nħarġet xhur wara li kien sar is-self u l-eżekutat għażel li jiffirmaha.  Jista' jkun li, sa dak iż-żmien, l-eżekutant kien qiegħed jinsisti għall-ħlas, iżda ma ntweriex li l-eżekutat kien iffirmaha kontra r-rieda tiegħu jew li, fil-preżenza tal-avukat tal-eżekutant, ressaq xi lment dwar l-import muri fuq il-kambjala qabel ma aċċettaha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u r-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ma tistax tibni konvinzjoni tajba biżżejjed biex issib li

[12] Xhieda tal-isp. Daniel Żammit 4.3.2014, f'paġġ. 64 – 8 tal-proċess

tassew hemm element ta’ użura fl-ammont li jikkostitwixxi l-import tal-kambjala mertu tal-każ;

Illi t-tielet raġuni miġjuba mill-eżekutat hi fis-sens li l-ittra uffiċjali mibgħuta kontrih titlob il-ħlas tal-ammont kollu bla ma tqis xi ħlasijiet (konsistenti) magħmulin minnu akkont qabel ma nħarġet dak inhar. Huwa jgħid li ħallas mal-għoxrin elf euro;

Illi meta kien qed jixhed, l-eżekutat stqarr li meta ħallas kien ħallas fi flus kontanti direttament lill-eżekutant. Żied jgħid li huwa ħallas f’xi erba’ okkażjonijiet madwar ħamest elef euro kull darba. Qatt ma talab riċevuta u qatt ma ngħata riċevuta. Huwa magħruf li, min iqajjem il-kwestjoni tal-ħlas ta’ xi obbligazzjoni, irid jipprova dak il-ħlas. Għalkemm kull prova tista’ tinġieb biex turi dan il-ħlas, l-irċevuta hija l-aqwa prova. F’dan il-każ, din il-prova hija għal kollox nieqsa. L-eżekutant jiċħad li saru l-ħlasijiet. L-eżekutat innifsu jgħid li n-negozju li kellu f’dawk iż-żminijiet kien sejjer ħażin u ma kellux mnejn iħallas. Tressqet prova wkoll li *cheque* għal madwar ħdax-il elf euro maħruġ minnu u mgħoddi lill-eżekutant f’Lulju tal-2013 (jiġifieri xahar qabel ma nħarġet il-kambjala) ma setax jissarraf għaliex ma kienx hemm fondi għalih fil-kont bankarju li taħtu nħareġ dak iċ-*cheque*;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li din ir-raġuni miġjuba mill-eżekutat ukoll m’hijiex waħda tajba biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent eżekutat Peter Żammit għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala li għaliha tirreferi l-ittra uffiċjali tal-1 ta’ Ottubru, 2013, **bl-ispejjeż** kontra tiegħu.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------